SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tielet Awla)

8 ta' Mejju 2008 *

Fil-Kawża C-491/06

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 234 KE, imressqa mill-Vestre Landsret (id-Danimarka), permezz ta' deċiżjoni tat-23 ta' Novembru 2006, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fit-28 ta' Novembru 2006, fil-proċeduri

**Danske Svineproducenter**

vs

**Justitsministeriet,**

fil-preżenza ta':

**Den Europæiske Dyre- og Kødhandelsunion (UECBV),**

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tielet Awla),

komposta minn A. Rosas, President tal-Awla, U. Lõhmus, J. Klučka (Relatur), A. Ó Caoimh u P. Lindh, Imħallfin,

* Lingwa tal-kawża: id-Daniż.

Avukat Ġenerali: Y. Bot,
Reġistratur: C. Strömholm, Amministratur,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tat-28 ta' Novembru 2007,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

— għal Danske Svineproducenter, minn H. Sønderby Christensen, advokat,

— għal Den Europæiske Dyre- og Kødhandelsunion (UECBV), minn J.-L. Mériaux, assistit minn J. Seeger Perregaard, advokat,

— għall-Gvern Daniż, minn B. Weis Fogh, bħala aġent, assistita minn P. Biering, advokat,

— għall-Gvern Belġjan, minn A. Hubert, bħala aġent,

— għall-Gvern Elleniku, minn I. Chalkias u S. Papaioannou, bħala aġenti,

— għall-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej, minn F. Erlbacher u H. Støvlbæk, bħala aġenti,

wara li rat id-deċiżjoni li ttieħdet, wara li semgħet lill-Avukat Ġenerali, li tinqata' l-kawża mingħajr konklużjonijiet,

tagħti l-preżenti

## Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Kapitoli I, Titolu A, punt 2(b), VI, punt 47, Titolu D, u VII, it-tielet inċiż tal-punt 48(3), tal-Anness tad-Direttiva tal-Kunsill 91/628/KEE, tad-19 ta' Novembru 1991, dwar il-protezzjoni tal-annimali waqt it-trasport u li temenda d-Direttivi 90/425/KEE u 91/496/KEE (ĠU L 340, p. 17), kif emendata bid-Direttiva tal-Kunsill 95/29/KE, tad-29 ta' Ġunju 1995 (ĠU L 148, p. 52, iktar 'il quddiem id-"Direttiva 91/628").

2 Din it-talba ġiet ippreżentata fil-kuntest tal-kawża bejn l-organizzazzjoni professjonali Danske Svineproducenter u l-Justitsministeriet (Ministeru tal-Ġustizzja) firrigward tat-traspożizzjoni tad-Direttiva 91/628 fid-dritt Daniż.

## Il-kuntest ġuridiku

*Il-leġiżlazzjoni Komunitarja*

Id-Direttiva 91/628

3 It-tielet u r-raba' premessi tad-Direttiva 95/29 huma fformulati kif ġej:

"Billi xi Stati Membri għandhom regoli dwar ħinijiet ta' vjaġġ, intervalli ta' tmigħ u tisqija, perijodi ta' mistrieħ u spazji permessi; billi dawn ir-regoli huma, f'xi każijiet,

estremament dettaljati u jintużaw minn xi Stati Membri biex jirrestrinġu l-kummerċ intra-Komunitarju ta' annimali ħajjin; billi l-persuni involuti fit-trasport ta' annimali jeħtieġu kriterji ċari u definiti sabiex ikunu jistgħu joperaw fuq bażi Komunitarja mingħajr ma jidħlu f'kunflitt mad-dispożizzjonijiet nazzjonali differenti;

Billi, sabiex jiġi eliminati l-ostakoli tekniċi għall-kummerċ ta' l-annimali ħajjin u sabiex l-organizzazzjonijiet tas-suq in kwistjoni ikunu jistgħu joperaw bla xkiel, waqt li jiġi żgurat livell sodisfaċenti ta' protezzjoni għall-annimali involuti, huwa meħtieġ li fil-kuntest tas-suq intern jiġu modifikati r-regoli tad-Direttiva 91/628/KEE bil-ħsieb li jiġu armonizzati l-ħinijiet ta' l-ivvjaġġar, il-perijodi ta' mistrieħ, l-intervalli ta' tmigħ u tat-tisqija u l-ispazji permessi, għal ċerti tipi ta' annimali".

4 Permezz tal-Artikolu 1(1)(a) tagħha, id-Direttiva 91/628 tapplika għall-annimali domestiċi tal-ispeċi tal-majjali.

5 L-Artikolu 3(1)(aa) ta' din id-direttiva jiddisponi li l-Istati Membri għandhom jassiguraw li "l-ispazji permessi (densitajiet tat-tagħbija) għall-annimali ta' mill-anqas jikkonformaw mal-figuri stabbiliti fil-Kapitolu VI ta' l-Anness, fir-rigward ta' l-annimali u l-mezzi ta' trasport msemmija f'dak il-Kapitolu" u li "[l]-ħinijiet ta' l-ivjaġġar u l-perijodi ta' mistrieħ u l-intervalli tat-tmigħ u tat-tisqija għal ċerti tipi ta' annimali jikkonformaw ma' dawk stabbiliti fil-Kapitolu VII ta' l-Anness, għar-rigward ta' l-annimali li għalihom issir referenza f'dak il-Kapitolu, mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tar-Regolament […] (KEE) Nru 3820/85 […]".

6 Permezz tal-Artikolu 5(A)(1)(ċ) tad-Direttiva 91/628, l-Istati Membri għandhom jassiguraw li kull trasportatur juża' għat-trasport tal-annimali msemmija f'din

id-direttiva, mezzi ta' trasport li jassiguraw konformità mar-rekwiżiti Komunitarji li jirrigwardaw il-benesseri matul it-trasport, u b'mod partikolari r-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness ta' din id-direttiva u r-rekwiżiti li jridu jiġu stabbiliti b'mod konformi ma' l-Artikolu 13(1) tal-istess direttiva.

7 Il-Kapitolu I tal-Anness tad-Direttiva 91/628 jinkludi dispożizzjonijiet applikabbli għat-trasport, b'mod partikolari tal-annimali domestiċi tal-ispeċi tal-majjali. It-Titolu A, punt 2(a) sa (ċ), ta' dan il-kapitolu jiddisponi:

"a) L-annimali għandhom ikunu pprovduti bi spazju biżżejjed biex joqgħodu bil-wieqfa fil-pożizzjoni naturali tagħhom u, fejn meħtieġ, b'diviżjonijiet biex jipproteġu lill-annimali miċ-ċaqlieq matul it-trasport. Sakemm kondizzjonijiet speċjali għall-protezzjoni ta' l-annimali ma jeħtieġux xort'oħra, għandu jkun ipprovdut spazju biex dawn ikunu jistgħu jimteddu.

b) Il-mezzi tat-trasport u l-kontenituri għandhom ikunu magħmula u mħaddma sabiex jipproteġu lill-annimali kontra temp ħażin u d-differenzi kbar fil-kondizzjonijiet klimatiċi. Il-ventilazzjoni u l-ispazju ta' l-arja għandhom ikunu bi qbil mal-kondizzjonijiet tat-trasport u addattati għall-ispeċi ta' l-annimali li jkunu jinġarru.

Għandu jiġi provdut spazju biżżejjed ġewwa l-kompartament ta' l-annimali [iktar 'il quddiem il-"kompartiment"] u f'kull wieħed mill-livelli tiegħu sabiex jiġi żgurat li jkun hemm ventilazzjoni adegwata fuq l-annimali meta jkunu f'pożizzjoni naturali bil-wieqfa mingħajr ma jkun mfixkel il-moviment naturali tagħhom għal ebda raġuni.

ċ) Il-mezzi tat-trasport u l-kontenituri għandhom ikunu jistgħu jitnaddfu malajr, li l-animali ma jistgħux jaħarbu minnhom u għandhom ikunu hekk mibnija u

operati li jipprevjenu l-korriment u t-tbatija bla bżonn ta' l-annimali u li tiġi assigurata s-sigurtà tagħhom matul it-trasport. [...] Għandhom jippermettu għall-ispezzjoni u l-kura ta' l-annimali u għandhom ikunu maħżuna b'dak il-mod li ma jfixkux il-ventilazzjoni [...]"

8 Il-Kapitolu VI, punt 47, titolu D, tal-Anness tad-Direttiva 91/628 jipprovdi li, għat-trasport ta' majjali bil-ferrovija u bit-triq, "[il-]ħnieżer kollha jridu għal inqas ikunu jistgħu jimteddu u jqumu bil-wieqfa fil-posizzjoni naturali tagħhom" u li, "[s]abiex ikun hemm konformità ma' dawn ir-rekwiżiti minimi, id-densità tat-tagħbija għall-ħnieżer ta' madwar 100 kg m'għandhiex teċċedi il-235 kg/$m^2$". Barra minn dan, "[ir-]razza, id-daqs u l-kondizzjoni fiżika tal-ħnieżer jistgħu jfissru li l-erja tal-wiċċ minima [hekk] meħtieġa [...] trid tiżdied; żjieda massima ta' 20 % tista' tkun meħtieġa wkoll skond il-kondizzjonijiet meterjoloġiċi u l-ħin tal-vjaġġ".

9 Skont il-punt 48(2) u (3) tal-Kapitolu VII tal-Anness tad-Direttiva 91/628:

"2. Il-ħinijiet tal-vjaġġ għall-annimali li jappartjenu għall-ispeċi li għalihom issir referenza fil-[paragrafu] 1 m'għandhomx jeċċedu t-tmien sigħat.

3. Il-ħin ta' vjaġġ massimu fil-[paragrafu] 2 jista' jiġi estiż meta l-vettura tat-trasport tissodisfa r-rekwiżiti addizzjonali li ġejjin:

[...]

— hemm aċċess dirett għall-annimali,

— ventilazzjoni adegwata hija possibbli u din tista' tiġi aġġustata skond it-temperatura (ta' ġewwa u ta' barra),

[…]"

10 Fil-5 ta' Jannar 2007, id-Direttiva 91/628 ġiet imħassra u ssostitwita bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005, tat-22 ta' Diċembru 2004, dwar il-protezzjoni tal-annimali waqt it-trasport u operazzjonijiet relatati u li temenda d-Direttivi 64/432/KEE u 93/119/KE u r-Regolament (KE) Nru 1255/97 (ĠU 2005, L 3, p. 1).

Ir-Regolament (KE) Nru 411/98

11 L-Artikolu 1 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 411/98, tas-16 ta' Frar 1998, fuq standards ta' ħarsien tal-annimali addizzjonali applikabbli għall-vetturi tat-toroq użati għat-tagħbija ta' annimali ħajjin fuq vjaġġi ta' aktar minn tmien sigħat (ĠU L 52, p. 8), jiddisponi:

"Meta l-ħin tal-vjaġġ ta' tmien siegħat stabbilit f'Kapitolu VII(2) ta' l-Anness għad-Direttiva 91/628/KEE ikun eċċedut, vetturi tat-triq użati għat-trasport ta' solipedi

domestiċi u annimali ta' speċi ta' l-ifrat, nagħaġ, mogħoż u qżieqez ġewwa l-Komunità jridu jħarsu l-ħtiġiet addizzjonali stabbiliti fl-Anness għal dan ir-Regolament."

12 Il-punt 3 tal-Anness tar-Regolament Nru 411/98 jipprovdi li:

"L-Aċċess

Vetturi użati għat-trasport iridu jkunu mgħammra sabiex f'kull ħin jista' jkun hemm aċċess dirett għal kull annimal li qed jiġi ttrasportat sabiex jista' jiġi spezzjonat u jingħata kull kura xierqa, li tinkludi għalf u ilma b'mod partikolari."

*Il-leġiżlazzjoni nazzjonali*

13 Id-Direttiva 91/628 ġiet trasposta fid-dritt Daniż permezz tad-Digriet Nru 201 tas-16 ta' April 1993 dwar il-protezzjoni tal-annimali waqt it-trasport. Dan id-digriet ġie sussegwentement emendat bid-Digriet Nru 734 tat-13 ta' Lulju 2005 (iktar 'il quddiem id-"Digriet Nru 734", li permezz tiegħu l-Justitsministeriet introduċa leġiżlazzjoni ġdida dwar it-trasport tal-ħnieżer. Skont l-Artikolu 2(1), id-Digriet Nru 734 daħal fis-seħħ fil-15 ta' Awwissu 2005, ħlief għad-dispożizzjonijiet dwar id-densità tat-tagħbija li daħlu fis-seħħ fil-15 ta' Awwissu 2006, skont l-Artikolu 2(2) tal-istess digriet.

Id-dispożizzjonijiet tad-Digriet Nru 734 dwar l-għoli tal-kompartimenti

14 L-Artikolu 6a tad-Digriet Nru 734 jiddisponi:

"1. Matul it-trasport ta' ħnieżer ta' iktar minn 40 kg, l-għoli fuq ġewwa bejn kull pont, imkejjel mill-punt l-iktar għoli tal-art sal-punt l-iktar baxx tas-saqaf (bħala eżempju l-parti ta' taħt ta' travu trasversali jew ta' pastaż), għandu jissodisfa l-kundizzjonijiet minimi li ġejja:

| Ħnieżer | | |
|---|---|---|
| Piż medju fi kg | Għoli fuq ġewwa matul l-użu ta' sistema ta' ventilazzjoni mekkanika | Għoli fuq ġewwa matul l-użu ta' sistema oħra ta' ventilazzjoni |
| 40 | 74 cm | 89 cm |
| 50 | 77 cm | 92 cm |
| 70 | 84 cm | 99 cm |
| 90 | 90 cm | 105 cm |
| 100 | 92 cm | 107 cm |
| 110 | 95 cm | 110 cm |
| 130 | 99 cm | 114 cm |
| 150 | 103 cm | 118 cm |
| 170 | 106 cm | 121 cm |
| 190 | 109 cm | 124 cm |
| 210 | 111 cm | 126 cm |
| 230 | 112 cm | 127 cm |

[…]

3. Is-sistema ta' ventilazzjoni mekkanika għandha tiggarantixxi biżżejjed ventilazzjoni u mqassma b'mod ugwali, bi kapaċità ta' ventilazzjoni ta' għallinqas 61 $m^2$/h għal kull 100 kg ta' ħanżir. Jekk it-tul totali ta' trasport tal-ħnieżer ta' iktar minn 40 kg huwa ta' iktar minn tmien sigħat, ir-rekwiżiti tad-dispożizzjonijiet tal-Anness 3(A)(2) għandhom ukoll jiġu sodisfatti sa fejn sistema ta' ventilazzjoni mekkanika hija użata.

4. F'kull mument, fl-ispazju fejn il-ħnieżer huma magħluqa, u dan f'kull livell, irid ikun hemm spazju biżżejjed sabiex ikun hemm ventilazzjoni tajba fuq il-ħnieżer bilwieqfa f'pożizzjoni normali u l-movimenti naturali tagħhom m'għandhom fl-ebda każ ikunu ostakolati.

5. Jekk it-tul ta' trasport tal-ħnieżer ta' 40 kg jew iktar huwa ta' iktar minn tmien sigħat, il-vettura użata għandha tkun mgħammra b'tali mod li, f'kull mument, għoli ta' ispezzjoni fuq ġewwa ta' għallinqas 140 cm, imkejjel mill-punt l-iktar għoli tal-art sal-punt l-iktar baxx tas-saqaf (bħala eżempju l-parti ta' taħt ta' travu trasversali jew ta' pastaż), jista' jiġi stabbilit għal kull livell, bħala eżempju permezz ta' saqaf li jitla' u ta' pontijiet mobbli jew ta' kostruzzjonijiet simili. Meta jiġi stabbilit l-għoli ta' spezzjoni fuq ġewwa ta' 140 cm, l-għoli taħt is-saqaf tal-livelli l-oħra għandu jibqa' jkun għallinqas dak previst fil-paragrafu 1 matul it-trasport ta' annimali fuq numru ta' pontijiet."

L-Artikolu 3 tad-Digriet Nru 734 jinkludi d-dispożizzjonijiet tranżitorji li ġejjin:

"1. Fir-rigward ta' vannijiet, trakkijiet, trejlers, semi-trejlers u oħrajn li l-ewwel reġistrazzjoni tagħhom seħħet sa mhux iktar tard mill-15 ta' Awwissu 2005,

it-trasportaturi jistgħu, sal-15 ta' Awwissu 2010, fil-każ ta' trasport ta' ħnieżer ta' piż ta' 40 kg jew iktar ta' tul ta' iktar minn tmien sigħat, japplikaw ir-regoli li ġejjin:

Matul it-trasport ta' ħnieżer ta' piż ta' iktar minn 40 kg, l-għoli fuq ġewwa bejn kull pont, imkejjel mill-punt l-iktar għoli tal-art sal-punt l-iktar baxx tas-saqaf (bħala eżempju l-parti ta' taħt ta' travu trasversali jew ta' pastaż), għandu jissodisfa l-kundizzjonijiet minimi li ġejjin:

| Hnieżer | | |
|---|---|---|
| Piż medju fi kg | Għoli fuq ġewwa matul l-użu ta' sistema ta' ventilazzjoni mekkanika | Għoli fuq ġewwa matul l-użu ta' sistema oħra ta' ventilazzjoni |
| Ħnieżer ta' iktar minn 40 kg sa 110 kg | 100 cm | 107 cm |
| Ħnieżer ta' iktar minn 110 kg sa 150 kg | 110 cm | 118 cm |
| Ħnieżer ta' iktar minn 150 kg sa 230 kg | 112 cm | 127 cm |
| Ħnieżer ta' iktar minn 230 kg | > 112 cm | > 127 cm |

2. Is-sistema ta' ventilazzjoni mekkanika għandha tiggarantixxi biżżejjed ventilazzjoni u titqassam b'mod ugwali, b'kapaċità ta' ventilazzjoni ta' għallinqas 61 $m^3$/h għal kull 100 kg ta' ħanżir.

3. F'kull mument, fl-ispazju fejn il-ħnieżer huma magħluqa, u dan f'kull livell, irid ikun hemm spazju biżżejjed sabiex ikun hemm ventilazzjoni tajba fuq il-ħnieżer bilwieqfa f'pożizzjoni normali u l-movimenti naturali tagħhom m'għandhom fl-ebda każ ikunu ostakolati.

4. Qabel id-dħul fis-seħħ tar-regoli tal-erja stabbiliti fl-Artikolu 2(2) matul it-trasport ta' ħnieżer b'għoli fuq ġewwa ta' 100 cm, l-erja disponibbli għandha tkun ta' għallinqas 0.42 $m^2$ għal kull 100 kg ta' ħanżir."

Id-dispożizzjoni tad-Digriet Nru 734 dwar id-densità tat-tagħbija

16 L-anness I tad-Digriet Nru 734, li jissostitwixxi l-Anness II tad-Digriet Nru 201, tas-16 ta' April 1993 jipprovdi:

"D. Majjali

Trasport bil-ferrovija u trasport bit-triq, inkluż bl-irmonk

1. Trasport ta' tul ta' inqas minn tmien siegħat:

| Piż ħaj (fi kg) | Spazju għal kull annimal (fi $m^2$) |
|---:|---:|
| 25 | 0,17 |
| 50 | 0.26 |
| 75 | 0.33 |
| 100 | 0.42 |
| 200 | 0.70 |
| 250 jew iktar | 0.80 |

Ir-razza, id-daqs u l-istat fiżiku tal-ħnieżer jistgħu jfissru li l-erja tal-wiċċ minima meħtieġa iktar 'il fuq trid tiżdied; il-kundizzjonijiet meterjoloġiċi u t-tul tal-vjaġġ jistgħu wkoll irendu neċessarju tali żieda sa 20 %.

2. Trasport ta' tul ta' iktar minn tmien siegħat:

| Piż ħaj (fi kg) | Spazju għal kull annimal (fi m2) |
|---|---|
| 25 | 0.20 |
| 50 | 0.31 |
| 75 | 0.39 |
| 100 | 0.50 |
| 200 | 0.84 |
| 250 jew iktar | 0.96" |

**Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari**

17 Jirriżulta mid-deċiżjoni tar-rinviju li Danske Svineproducenter hija organizzazzjoni professjonali li tiddefendi l-interessi tal-bdiewa li jkabbru l-ħnieżer Daniżi. Hija tirrappreżenta madwar 1 700 bidwi, li l-produzzjoni globali tagħhom tirrappreżenta żewġ terzi tal-produzzjoni tal-majjal Daniża.

18 Fl-14 ta' Mejju 2005 Danske Svineproducenter ressqet rikors kontra l-Justitsministeriet quddiem il-Vestre Landsret (Qorti reġjonali tal-Punent), fejn sostniet li l-leġiżlazzjoni li tittrasponi fid-dritt Daniż id-Direttiva 91/628 kif emendata bid-Digriet Nru 734 mhija kompatibbli la mad-dispożizzjonijiet ta' din id-direttiva, la ma'

l-Artikoli 28 KE sa 30 KE u 49 KE, u lanqas mar-Regolament Nru 1/2005. Danske Svineproducenter b'mod partikolari tqis li diversi rekwiżiti previsti mid-Digriet Nru 734, li kien għadu ma ġiex ippromulgat fid-data li fiha tressaq ir-rikors tagħha, huma illegali.

19 Billi kienet tqis li s-soluzzjoni għall-kwistjoni tiddependi mill-interpretazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tad-Direttiva 91/628, il-Vestre Landsret iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1) Id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu I, Titolu A, punt 2(b), u tat-tielet inċiż tal-[punt] 48(3) tal-Kapitolu VII, tal-Anness tad-Direttiva 91/628 [...] għandhom jiġu interpretati fis-sens li Stat Membru mhuwiex awtorizzat jistabbilixxi sistema tranżitorja nazzjonali li tgħid li, meta t-tul ta' trasport ta' ħnieżer li jiżnu mimn 40 kg sa 110 kg jeċċedi tmien sigħat, l-ispazju bejn kull livell tal-vettura — imkejjel mill-punt l-iktar għoli tal-art sal-punt l-iktar baxx tas-saqaf — għandu jkun ta' għallinqas 100 cm fil-każ ta' użu ta' sistema ta' ventilazzjoni mekkanika?

2) Id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu I, Titolu A, punt 2(b), u tat-tielet inċiż tal-[punt] 48(3) tal-Kapitolu VII, tal-Anness tad-Direttiva 91/628 [...] għandhom jiġu interpretati fis-sens li Stat Membru mhuwiex awtorizzat jistabbilixxi sistema nazzjonali li tgħid li, fil-każ ta' trasport ta' ħnieżer ta' 40 kg jew iktar, jekk it-tul totali tal-vjaġġ huwa ta' iktar minn tmien sigħat, huwa obbligatorju li jintuża mezz tat-trasport li — bħala eżempju permezz ta' saqaf ta' għoli li jista' jiġi rregolat flimkien ma' pontijiet mobbli jew kostruzzjonijiet simili — jippermetti li jkun hemm, f'kull mument, punt ta' spezzjoni fuq kull livell ta' għoli minimu ta' 140 cm, imkejjel mill-punt l-iktar għoli tal-art sal-punt l-iktar baxx tas-saqaf, filwaqt li, fil-każ ta' trasport ta' annimali fuq diversi livelli, l-għoli minimu ta' kull wieħed minn dawn għandu jkun ta' 92 cm [fil-każ] ta' trasport ta' ħnieżer ta' piż medju ta' 100 kg b'sistema ta' ventilazzjoni mekkanika?

3) Id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu VI, punt 47, Titolu D, tal-Anness tad-Direttiva 91/628 [...] għandhom jiġu interpretati fis-sens li Stat Membru mhuwiex awtorizzat jistabilixxi sistema nazzjonali li tgħid li, fil-każ ta' trasport ta' tul ta' iktar minn tmien sigħat, l-erja disponibbli għandha tkun ta' għallinqas 0,50 $m^2$ għal kull 100 kg ta' ħanżir?"

**Fuq it-talba tal-ftuħ mill-ġdid tal-proċedura orali**

20 B'ittra tas-27 ta' Diċembru 2007, ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali talbet il-ftuħ mill-ġdid tal-proċedura orali, billi sostniet li xi ritratti kienu ġew mgħarrfa lill-Qorti tal-Ġustizzja proprju qabel is-seduta mill-Gvern Daniż, fatt li ma kienx ippermettilha tiddefendi l-interessi tagħha fir-rigward ta' din il-produzzjoni ta' provi li hija tikkwalifika bħala inekwa, tardiva u tendenzjuża. Barra minn dan, hija invokat li n-nuqqas ta' komunikazzjoni tal-annessi mehmuża ma' l-osservazzjonijiet tagħha bil-miktub lill-persuni l-oħra kkonċernati li ppreżentaw osservazzjonijiet bil-miktub jikkostitwixxi ksur tad-drittijiet tad-difiża tagħha.

21 L-ewwel nett, għandu jiġi mfakkar li skont ġurisprudenza kostanti, il-Qorti tal-Ġustizzja tista' *ex officio* jew fuq proposta tal-Avukat Ġenerali, jew inkella fuq it-talba tal-partijiet, tordna l-ftuħ mill-ġdid tal-proċedura orali, b'mod konformi ma' l-Artikolu 61 tar-Regoli tal-Proċedura tagħha, jekk hija tikkunsidra li m'għandhiex biżżejjed informazzjoni jew li l-kawża għandha tkun deċiża abbażi ta' argument li ma ġiex diskuss bejn il-partijiet (ara d-digriet tal-4 ta' Frar 2000, Emesa Sugar, C-17/98, Ġabra p. I-665, punt 18; is-sentenzi tal-14 ta' Diċembru 2004, Swedish Match, C-210/03, Ġabra p. I-11893, punt 25, u tat-28 ta' Ġunju 2007, Albert Reiss Beteiligungsgesellschaft, C-466/03, Ġabra p. I-5357, punt 29).

22 Barra minn dan, l-Artikolu 234 KE jistabbilixxi kooperazzjoni diretta bejn il-Qorti tal-Ġustizzja u l-qrati nazzjonali permezz ta' proċedura mhux kontenzjuża, li teskludi kull inizjattiva tal-partijiet, li matulha dawn għandhom il-possibbiltà jippreżentaw

osservazzjonijiet bil-miktub u jistgħu jkunu mistiedna jippreżentaw l-osservazzjonijiet orali tagħhom matul seduta (ara, f'dan is-sens, id-digriet tal-14 ta' Lulju 1971, Rheinmühlen Düsseldorf, 6/71, Ġabra p. 719, punt 1, u s-sentenza tal-14 ta' Settembru 2006, Slob, C-496/04, Ġabra p. I-8257, punt 34).

23 Barra minn dan, fil-kuntest ta' proċedura msemmija fl-Artikolu 234 KE, li huwa bbażat fuq separazzjoni ċara tal-funzjonijiet bejn il-qrati nazzjonali u l-Qorti tal-Ġustizzja, kull evalwazzjoni tal-fatti taqa' taħt il-ġurisdizzjoni tal-qorti nazzjonali (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tad-9 ta' Ġunju 2005, HLH Warenvertrieb u Orthica, C-211/03, C-299/03 u C-316/03 sa C-318/03, Ġabra p. I-5141, punt 96, kif ukoll tat-18 ta' Lulju 2007, Lucchini Siderurgica, C-119/05, Ġabra p. I-6199, punt 43). Il-Qorti tal-Ġustizzja, b'mod partikolari, hija biss awtorizzata tiddeċiedi fuq l-interpretazzjoni jew il-validità ta' test Komunitarju abbażi tal-fatti li huma indikati lilha mill-qorti nazzjonali (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tas-16 ta' Marzu 1978, Oehlschläger, 104/77, Ġabra p. 791, punt 4, kif ukoll tat-28 ta' Settembru 2006, Gasparini *et*, C-467/04, Ġabra p. I-9199, punt 41). Hija l-qorti nazzjonali li għandha tistabbilixxi, f'dan il-kuntest, il-fatti li taw lok għall-kawża u li tiddeduċi konklużjonijiet minnhom għall-finijiet tad-deċiżjoni li hija mitluba tagħti (ara f'dan is-sens, b'mod partikolari, is-sentenzi tad-29 ta' April 1982, Pabst & Richarz, 17/81, Ġabra p. 1331, punt 12, kif ukoll tal-11 ta' Diċembru 2007, Eind, C-291/05, Ġabra p. I-10719, punt 18).

24 F'dak li jirrigwarda r-ritratti li l-komunikazzjoni tagħhom lill-Qorti tal-Ġustizzja qegħda tiġi lmentata, huwa biżżejjed li jiġi rrilevat li, matul l-laqgħa bejn l-Imħallfin u l-Avukati qabel il-bidu tas-seduta, il-Qorti tal-Ġustizzja informat lil dawn tal-aħħar li dawn ir-ritratti ma kinux ġew mgħoddija lill-Imħallfin u li l-produzzjoni tagħhom fis-seduta ma kinitx ser tkun ammessa.

25 F'dak li jirrigwarda l-argument dwar in-nuqqas ta' komunikazzjoni tad-dokumenti annessi ma' l-osservazzjonijiet tar-rikorrenti fil-kawża prinċipali, għandu jiġi kkonstatat li dawn l-osservazzjonijiet ġew ikkomunikati, mingħajr dawn id-dokumenti minħabba l-volum tagħhom, lill-persuni l-oħra kkonċernati li ppreżentaw osservazzjonijiet bil-miktub. Huwa wkoll paċifiku li dawn tal-aħħar kienu jafu bl-eżistenza ta' dawn l-annessi, li l-inventarju dettaljat tagħhom jikkostitwixxi

l-parti finali ta' dawn l-osservazzjonijiet, u li konsegwentement kellhom il-possibbilità li jikkonsultawhom fir-Reġistru tal-Qorti tal-Ġustizzja jew li jitolbu li dawn jiġu kkomunikati lilhom.

26 Fir-rigward tal-kunsiderazzjonijiet fuq imsemmija, mhemmx lok li tiġi milqugħa t-talba għall-ftuħ mill-ġdid tal-proċedura orali ppreżentata mir-rikorrenti fil-kawża prinċipali.

**Fuq id-domandi preliminari**

*Rimarki preliminari*

27 Għandu jiġi mfakkar li, skont it-tielet paragrafu tal-Artikolu 249 KE, id-direttiva torbot lil kull Stat Membru destinatarju f'dak li għandu x'jaqsam mar-riżultat li jrid jinkiseb, iżda tħalli l-għażla ta' forom u metodi f'idejn l-awtoritajiet nazzjonali.

28 Skont ġurisprudenza stabbilita, kull Stat Membru destinatarju ta' direttiva għandu l-obbligu li jadotta, fl-ordni ġuridiku nazzjonali tiegħu, dawk il-miżuri kollha meħtieġa sabiex jassigura l-effett sħiħ tad-direttiva, b'mod konformi ma' l-għan mixtieq (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tas-17 ta' Ġunju 1999, Il-Kummissjoni vs L-Italja, C-336/97, Ġabra p. I-3771, punt 19, kif ukoll tal-5 ta' Lulju 2007, Kofoed, C-321/05, Ġabra p. I-5795, punt 41).

29 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat, li l-Qorti tal-Ġustizzja ġa ddeċiediet li l-għan prinċipali mfittex mid-Direttiva 91/628 huwa l-protezzjoni tal-annimali waqt it-trasport (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-17 Jannar 2008, Viamex Agrar Handel u

ZVK, C-37/06 u C-58/06, Ġabra p. I-69, punt 29). Madankollu jibqa' l-fatt, kif ukoll jirriżulta mit-tieni premessa tad-Direttiva 91/628 u mir-raba' premessa tad-Direttiva 95/29, li d-Direttiva 91/628 ġiet adottata fil-kuntest tal-politika Komunitarja intiża sabiex jiġu eliminati l-ostakoli tekniċi għall-kummerċ f'annimali ħajjin u biex ikun permess li l-organizzazzjonijiet tas-suq inkwistjoni jaħdmu bla xkiel.

30 Barra minn dan, jirriżulta mir-raba' premessa tad-Direttiva 95/29 li d-Direttiva 91/628 tfittex li jiġu armonizzati t-tul tal-vjaġġi, l-intervalli ta' tmigħ u tat-tisqija, il-perijodi ta' mistrieħ u l-ispazji permessi għal ċerti tipi ta' annimali. Madankollu, għandu jiġi kkonstatat li, għalkemm id-Direttiva 91/628 tinkludi ċerti dispożizzjonijiet preċiżi, oħrajn huma ġenerali (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-11 ta' Mejju 1999, Monsees, C-350/97, Ġabra p. I-2921, punt 26).

31 F'dawn iċ-ċirkustanzi, it-traspożizzjoni tad-Direttiva 91/628 għandha tiġi effettwata fir-rispett tal-għanijiet li hija tfittex u l-marġini ta' diskrezzjoni li minnha jiddisponu l-Istati Membri tiddependi mill-preċiżjoni tad-dispożizzjonijiet ta' din id-direttiva. Barra minn dan, l-imsemmija traspożizzjoni għandha ssir fir-rispett strett tal-prinċipju ta' proporzjonalità. B'mod partikolari, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet, f'dan ir-rigward, li dan il-prinċipju ta' proporzjonalità, li jikkostitwixxi prinċipju ġenerali tad-dritt Komunitarju u li ġie kkonfermat diversi drabi mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, b'mod partikolari fil-qasam tal-politika agrikola komuni (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tat-12 ta' Lulju 2001, Jippes *et*, C-189/01, Ġabra p. I-5689, punt 81, kif ukoll tas-7 ta' Settembru 2006, Spanja vs Il-Kunsill, C-310/04, Ġabra p. I-7285, punt 97), għandu jiġi osservat barra minn hekk mil-leġiżlatur Komunitarju kif ukoll mil-leġiżlaturi u l-qrati nazzjonali li japplikaw id-dritt Komunitarju (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Viamex Agrar Handel u ZVK, iċċitata iktar 'il fuq, punt 33).

32 Għalhekk huwa inerenti għall-proċedura ta' traspożizzjoni li l-Istati Membri għandhom jirrispettaw l-għan prinċipali ta' protezzjoni tal-annimali waqt it-trasport mingħajr ma jostakolaw it-twettiq ta' għanijiet oħra mfittxa mid-Direttiva 91/628.

33 Huwa fid-dawl ta' dawn ir-rimarki li għandu jiġi evalwat jekk miżuri nazzjonali bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali jassigurawx effett sħiħ tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 91/628, b'mod konformi ma' l-għanijiet li din tfittex u mal-prinċipju ta' proporzjonalità.

*Fuq l-ewwel u t-tieni domanda*

34 Permezz tal-ewwel u t-tieni domanda tagħha, li jaqbel li jiġu eżaminati flimkien, il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu I, Titolu A, punt 2(b), u tat-tielet inċiż tal-punt 48(3) tal-Kapitolu VII, tal-Anness tad-Direttiva 91/628 għandhomx jiġu interpretati fis-sens li dawn jippermettu lil Stat Membru jistabbilixxi:

— sistema tranżitorja nazzjonali li tgħid li, meta t-tul ta' trasport ta' ħnieżer li jiżnu mimn 40 kg sa 110 kg jeċċedi t-tmien sigħat, l-ispazju bejn kull livell tal-vettura — imkejjel mill-punt l-iktar għoli tal-art sal-punt l-iktar baxx tas-saqaf — għandu jkun ta' għallinqas 100 cm fil-każ ta' użu ta' sistema ta' ventilazzjoni mekkanika;

— sistema nazzjonali li tgħid li, fil-każ ta' trasport ta' ħnieżer ta' 40 kg jew iktar, jekk it-tul totali tal-vjaġġ huwa ta' iktar minn tmien sigħat, huwa obbligatorju li jintuża mezz tat-trasport li jippermetti li jkun hemm, f'kull mument, punt ta' spezzjoni fuq kull livell ta' għoli minimu ta' 140 cm, filwaqt li, fil-każ ta' vettura li għandha sistema ta' ventilazzjoni mekkanika u numru ta' livelli, l-għoli minimu ta' kull wieħed minn dawn għandu jkun ta' 92 cm fil-każ ta' trasport ta' ħnieżer ta' piż medju ta' 100 kg. jekk it-tul totali tal-vjaġġ huwa ta' iktar minn tmien sigħat, huwa obbligatorju li jintuża mezz tat-trasport li — bħala eżempju permezz ta' saqaf ta' għoli li jista' jiġi rregolat flimkien ma' pontijiet mobbli jew kostruzzjonijiet simili — jippermetti li jkun hemm, f'kull mument, punt ta' spezzjoni fuq kull livell ta' għoli minimu ta' 140 cm, imkejjel mill-punt l-iktar għoli tal-art sal-punt l-iktar baxx tas-saqaf, filwaqt li, fil-każ ta' trasport ta' annimali fuq diversi livelli, l-għoli minimu ta' kull wieħed minn dawn għandu jkun ta' 92 cm [fil-każ ] ta' trasport ta' ħnieżer ta' piż medju ta' 100 kg b'sistema ta' ventilazzjoni mekkanika?

35 Għandu jitqies li d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 91/628 jimponu fuq l-Istati Membri l-adozzjoni ta' regoli minimi li jiggarantixxu li l-ħnieżer ikollhom, matul trasport bit-triq, spazju ta' erja u ta' għoli kif ukoll ventilazzjoni li jkunu suffiċjenti, rekwiżiti msaħħa fil-każ fejn it-tul tal-vjaġġ jeċċedi tmien sigħat.

36 Fil-fatt, l-Artikolu 5A(1)(ċ) tad-Direttiva 91/628 jobbliga lill-Istati Membri jassiguraw li kull trasportatur juża' għat-trasport tal-annimali msemmija f'din id-direttiva, mezzi ta' trasport li jassiguraw konformità mar-rekwiżiti Komunitarji li jirrigwardaw il-benesseri matul it-trasport, u b'mod partikolari r-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness ta' din id-direttiva u r-rekwiżiti li jridu jiġu stabbiliti b'mod konformi ma' l-Artikolu 13(1) tal-istess direttiva. L-Artikolu 3(1)(aa) tad-Direttiva 91/628 jipprovdi li l-Istati Membri għandhom jassiguraw li b'mod partikolari l-ispazji (densitajiet tat-tagħbija) li minnhom jiddisponu l-annimali jkunu mill-inqas konformi mad-data ċċifrata li tinstab fil-Kapitolu VI ta' dan l-Anness. L-imsemmi Kapitolu VI, li jistabbilixxi, fil-punt 47, Titolu D tiegħu d-densitajiet tat-tagħbija għall-majjali, jindika li, għat-trasport bit-triq, il-ħnieżer kollha għandhom għallinqas ikunu jistgħu jimteddu u joqgħodu bil-wieqfa fil-pożizzjoni naturali tagħhom. Huwa wkoll ippreċiżat hemmhekk li, sabiex ikunu jistgħu jiġu ssodisfatti dawn ir-rekwiżiti minimi, id-densità tat-tagħbija ta' ħnieżer ta' madwar 100 kg fit-trasport m'għandhiex teċċedi l-235 kg/$m^2$. Din id-dispożizzjoni tipprovdi wkoll li r-razza, id-daqs u l-kundizzjoni fiżika tal-ħnieżer jistgħu jfissru li l-erja tal-wiċċ minima meħtieġa trid tiżdied, b'din tista' tkun meħtieġa li tiżdied sa 20 % skont il-kundizzjonijiet meterjoloġiċi, u t-tul tal-vjaġġ.

37 Barra minn dan, għandu jiġi enfasizzat li d-Direttiva 91/628 tillimita ruħha li tipprovdi fil-Kapitolu I, Titolu A, punt 2(b) tal-Anness tagħha, li l-mezzi tat-trasport għandu jkollhom ipprovdut spazju biżżejjed ġewwa l-kompartiment tal-annimali u f'kull wieħed mil-livelli tiegħu sabiex jiġi assigurat li jkun hemm ventilazzjoni adegwata fuq l-annimali meta jkunu f'pożizzjoni naturali bil-wieqfa u mingħajr ma jkun mfixkel il-moviment naturali tagħhom għal ebda raġuni. Fir-rigward tat-tielet inċiż tal-punt 48(3) tal-Kapitolu VII, tal-istess Anness, dan jippermetti t-trasport ta' annimali meta t-tul tal-vjaġġ huwa ta' iktar minn tmien sigħat biss bil-kundizzjoni li l-mezz ta' trasport jissodisfa kundizzjonijiet addizzjonali, b'mod partikolari li jkun hemm aċċess dirett għal dawn.

38 Għalhekk, safejn il-leġiżlatur Komunitarju ma ffissax huwa stess, fid-Direttiva 91/628, l-għoli preċiż tal-kompartimenti, l-Istati Membri għandhom jingħataw marġini ta' diskrezzjoni definita sabiex jadottaw dispożizzjonijiet nazzjonali li jippermettu li jiġi assigurat l-effett sħiħ tad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva b'mod konformi ma' l-għanijiet mfittxija minnha u fir-rispett tad-dritt Komunitarju.

39 Fir-rigward tad-dispożizzjonijiet inkwistjoni fil-kawża prinċipali, jirriżulta mill-osservazzjonijiet ippreżentati lill-Qorti tal-Ġustizzja fil-kuntest tal-proċedura bil-miktub u orali li r-Renju tad-Danimarka xtaq jaqleb, fid-dritt nazzjonali tiegħu, ir-rekwiżiti ferm ġeneriċi previsti mid-Direttiva 91/628 fil-qasam tal-għoli tal-kompartiment f'obbligi preċiżi. Għal dan il-għan, huwa qis opportun li jibbaża ruħu fuq ir-rakkomandazzjonijiet li jinsabu fl-opinjoni fuq il-benesseri tal-annimali matul it-trasport, maħruġ fil-11 ta' Marzu 2002 mill-Kumitat Xjentifiku tas-Saħħa u l-Benesseri tal-Annimali, li huwa kumitat Komunitarju, minħabba li din l-opinjoni tieħu inkunsiderazzjoni data xjentifika iktar reċenti minn dik użata għall-elaborazzjoni tad-Direttiva 91/628. Dawn ir-rakkomandazzjonijiet jikkostitwixxu għalhekk, skont il-Gvern Daniż, l-aħjar bażi sabiex jiġu ppreċiżati r-regoli ta' din id-direttiva u tiġi assigurata l-protezzjoni tal-annimali.

40 Għandu jiġi kkunsidrat li leġiżlazzjoni bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li tinkludi data ċċifrata f'dak li jirrigwarda l-għoli tal-kompartimenti sabiex it-trasportaturi jkunu jistgħu jirreferu għal regoli iktar preċiżi minn dawk stabbiliti bid-Direttiva 91/628, fil-prinċipju, tidħol, fil-marġini ta' diskrezzjoni mogħtija lill-Istati Membri mill-Artikolu 249 KE, bil-kundizzjoni madankollu li l-imsemmija leġiżlazzjoni, safejn hija tista' tqiegħed inkwistjoni t-twettiq tal-għanijiet ta' eliminazzjoni tal-ostakoli tekniċi għall-kummerċ tal-annimali ħajjin u sabiex l-organizzazzjonijiet tas-suq ikunu jistgħu joperaw bla xkiel li din id-Direttiva tfittex li tilħaq, tibqa' oġġettivament neċessarja u proporzjonata sabiex jiġi żgurat it-twettiq tal-għan prinċipali ta' protezzjoni tal-annimali waqt it-trasport imfittex mill-imsemmija direttiva.

41 F'dan ir-rigward, jirriżulta mill-osservazzjonijiet tal-Gvern Daniż li r-Renju tad-Danimarka, permezz tal-leġiżlazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali, tal-prijorità

lit-twettiq tal-għan ta' protezzjoni tal-annimali waqt it-trasport, meta mqabbel ma' l-għanijiet l-oħra tad-Direttiva 91/628. Barra minn dan, dan il-Gvern jenfasizza li, billi s-saħħa tal-annimali hija kwistjoni prijoritarja, huwa għażel li jevita sofferenza inutli lill-anninali waqt it-trasport tagħhom, filwaqt illi kkunsidra, sa fejn huwa possibbli, l-interessi ekonomiċi preżenti, b'mod partikolari ta' dawk tat-trasportaturi u tal-kapaċitajiet tagħhom li jadattaw għar-rekwiżiti l-ġodda.

42 Barra minn dan, jirriżulta mill-informazzjoni fornuta mill-qorti tar-rinviju li wieħed mill-għanijiet tal-imsemmija leġiżlazzjoni kien li jsiru iktar diffiċli u iktar onerużi l-kundizzjonijiet sabiex jiġu sodisfatti r-rekwiżiti fil-qasam tat-trasport tal-annimali u, għaldaqstant, li jitnaqqsu indirettament in-numru ta' annimali ttrasportati fi vjaġġi fit-tul lejn il-biċċeriji. Id-dispożizzjonijiet inkwistjoni fil-kawża prinċipali jimplikaw b'mod partikolari t-trasformazzjoni ta' vetturi normalment użati għat-trasport tal-annimali, li, skont l-estimi tal-Gvern, Daniż, tirrappreżenta, għall-esportaturi, spiża addizzjonali ta' EUR 10 000 sa 20 000 għal kull trakk bi trejler.

43 F'ċirkustanzi bħal dawn, ma jistax ikun eskluż li l-ispiża addizzjonali li tista' tinvolvi l-osservanza ta' leġiżlazzjoni bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali kif ukoll id-diffikultajiet tekniċi li din tista' twassal għalihom huma ta' natura li jostakolaw it-twettiq tal-għanijiet ta' eliminazzjoni tal-ostakoli tekniċi għall-kummerċ tal-annimali ħajjin u sabiex l-organizzazzjonijiet tas-suq ikunu jistgħu joperaw bla xkiel, u b'hekk jirristrinġu l-moviment liberu tal-merkanzija kemm għall-importazzjoni kif ukoll għall-esportazzjoni.

44 Fin-nuqqas, fl-inkartament ippreżentat lill-Qorti tal-Ġustizzja, ta' data dwar l-impatt tal-leġiżlazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali fuq il-funzjonament tajjeb tas-suq komuni, b'mod partikolari f'dak li jikkonċerna lill-produtturi tal-ħnieżer ta' Stati Membri oħra li jittrasportaw annimali fit-territorju Daniż, hija l-qorti tar-rinviju li għandha tivverifika jekk din il-leġiżlazzjoni twassalx għal diffikultajiet tekniċi tali li jostakolaw it-twettiq tal-għanijiet ta' eliminazzjoni tal-ostakoli tekniċi għall-kummerċ

tal-annimali ħajjin u sabiex l-organizzazzjonijiet tas-suq ikunu jistgħu joperaw bla xkiel li d-Direttiva 91/628 trid tilħaq u li tevalwa, fid-dawl ta' dawn l-elementi differenti, jekk, billi adotta l-imsemmija leġiżlazzjoni r-Renju tad-Danimarka eċċediex il-marġini ta' diskrezzjoni li tagħtih din id-direttiva. B'mod partikolari, din il-qorti għandha tassigura ruħha li din il-leġiżlazzjoni, safejn din tista' tqiegħed inkwistjoni t-twettiq ta' dawn iż-żewġ għanijiet, tibqa' oġġettivament neċessarja u proporzjonata sabiex jiġi assigurat it-twettiq tal-għan prinċipali ta' protezzjoni tal-annimali waqt it-trasport imfittex mill-imsemmija direttiva.

45 Għal dan il-għan, hija għandha tivverifika, l-ewwel nett, li l-ispiża addizzjonali kif ukoll id-diffikultajiet tekniċi li d-dispożizzjonijiet inkwistjoni jwasslu għalihom mhumiex ta' natura li jisfavorixxu lill-produtturi tal-ħnieżer tal-Istat Membru li adotthom. Sussegwentement, hija għandha tiżgura ruħha li dawn id- dispożizzjonijiet ma jistgħux jippenalizzaw lill-imsemmija produtturi li jixtiequ jesportaw il-prodotti tagħhom meta mqabbla ma' l-esportaturi ta' Stati Membri oħra, li ma kellhomx isofru l-ispiża addizzjonali marbuta mat-trasformazzjonijiet tekniċi tat-trakkijiet bi trejler. Fl-aħħar nett, hija għandha tivverifka li l-imsemmija dispożizzjonijiet ma jisfavorixxux lill-produtturi tal-ħnieżer ta' Stati Membri oħra li jkunu jixtiequ jittrasportaw annimali lejn id-Danimarka, jew minn ġo dan l-Istat Membru, u li jkunu huma wkoll obbligati jadattaw it-trakkijiet bi trejler sabiex jikkonformaw ruħhom mal-leġiżlazzjoni Daniża.

46 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet hawn fuq imsemmija, hemm lok li r-risposta li għandha tingħata lill-ewwel u t-tieni domandi magħmulha tkun li leġiżlazzjoni bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li tinkludi data ċċifrata f'dak li jirrigwarda l-għoli tal-kompartimenti tal-annimali sabiex it-trasportaturi jkunu jistgħu jirreferu għal regoli iktar preċiżi minn dawk stabbiliti mid-Direttiva 91/628, tista' tidħol fil-marġini ta' diskrezzjoni mogħtija lill-Istati Membri mill-Artikolu 249 KE, bil-kundizzjoni li din il-leġiżlazzjoni, li tirrispetta l-għan ta' protezzjoni tal-annimali waqt it-trasport imfittex minn din id-direttiva, ma tostakolax, bi ksur tal-prinċipju tal-proporzjonalità, it-twettiq tal-għanijiet ta' eliminazzjoni tal-ostakoli tekniċi għall-kummerċ tal-annimali ħajjin u sabiex l-organizzazzjonijiet tas-suq ikunu jistgħu joperaw bla xkiel li l-imsemmija direttiva trid tilħaq wkoll. Hija l-qorti tar-rinviju għandha tivverifika jekk l-imsemmija leġiżlazzjoni tirrispettax dawn il-prinċipji.

*Fuq it-tielet domanda*

47 Permezz tat-tielet domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju essenzjalment tistaqsi jekk il-Kapitolu VI, punt 47, Titolu D, tal-Anness tad-Direttiva 91/628 għandux jiġi interpretat fis-sens li Stat Membru mhuwiex awtorizzat jistabbilixxi sistema nazzjonali li tgħid li, fil-każ ta' trasport ta' tul ta' iktar minn tmien sigħat, l-erja disponibbli għandha tkun ta' għallinqas 0.50 $m^2$ għal kull 100 kg ta' ħanżir.

48 F'dan ir-rigward, jeħtieġ li jiġi mfakkar li, minn naħa, skont l-Artikolu 3(1)(aa) tad-Direttiva 91/628, l-Istati Membri għandhom jassiguraw li l-ispazji (densitajiet tat-tagħbija) li minnhom jiddisponu l-annimali jkunu ta' mill-inqas konformi mad-data ċċifrata li tinstab fil-Kapitolu VI tal-Anness ta' din id-direttiva għall-annimali u għall-mezzi ta' trasport msemmija f'dak il-Kapitolu. Minn naħa l-oħra, il-punt 47, Titolu D, ta' dan il-Kapitolu jipprovdi li, sabiex ikunu jistgħu jiġu sodsidatti r-rekwiżiti minimi imposti minn din l-istess dispożizzjoni, jiġifieri li l-ħnieżer ikunu jistgħu jimteddu u jqumu bil-wieqfa fil-pożizzjoni naturali tagħhom, id-densità tat-tagħbija ta' ħnieżer ta' madwar 100 kg fit-trasport m'għandhiex teċċedi l-235 kg/$m^2$, li huwa ekwivalenti għal 0.42 $m^2$ għal kull ħanżir ta' 100 kg. Barra minn dan, din l-istess dispożizzjoni tistabbilixxi li r-razza, id-daqs u l-kundizzjoni fiżika tal-ħnieżer jistgħu jfissru li l-erja tal-wiċċ minima hekk meħtieġa trid tiżdied, b'din tista' tkun meħtieġa li tiżdied sa 20 % skont il-kundizzjonijiet meterjoloġiċi u t-tul tal-vjaġġ.

49 Għalhekk, jirriżulta mill-ifformular tal-Kapitolu VI, punt 47, Titolu D, tal-Anness tad-Direttiva 91/628 li l-leġiżlatur Komunitarju espressament iffissa regoli minimi ta' densità tat-tagħbija għall-ħnieżer ta' madwar 100 kg u, b'mod partikolari ppermetta lill-Istati Membri jżidu dawn ir-regoli fil-limitu ta' 20 % skont il-kundizzjonijiet meterjoloġiċi u t-tul tal-vjaġġ.

50 Għalhekk, għandu jiġi kkonstatat li dispożizzjoni nazzjonali abbażi ta' liema huwa meħtieġ li, fil-każ tat-trasport ta' tul ta' iktar minn tmien sigħat, l-erja disponibbli għal kull annimal tkun ta' għallinqas 0.50 $m^2$ għall-ħnieżer ta' 100 kg, hija konformi

mar-regoli minimi u massimi pprovduti mid-dispożizzjonijiet tad-direttiva 91/628 imfakkra fil-punt 48 ta' din is-sentenza. Fil-fatt, iż-żieda tal-ispazju minimu impost prevista minn tali dispożizjoni hija ġġustifikata mit-tul tal-vjaġġ u tinsab fil-limitu ta' 20 % awtorizzat mil-leġiżlatur Komunitarju f'dawn id-dispożizzjonijiet.

51 F'dawn iċ-ċirkustanzi, hemm lok li r-risposta li għandha tingħata lit-tielet domanda magħmula tkun li l-Kapitolu VI, punt 47, Titolu D, tal-Anness tad-Direttiva 91/628 għandu jiġi interpretat fis-sens li Stat Membru huwa awtorizzat jistabbilixxi sistema nazzjonali li tgħid li, fil-każ ta' trasport ta' tul ta' iktar minn tmien sigħat, l-erja disponibbli għal kull annimal hija ta' għallinqas 0.50 $m^2$ għall-ħnieżer ta' 100 kg.

**Fuq l-ispejjeż**

52 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) taqta' u tiddeċiedi:

1) **Leġiżlazzjoni nazzjonali bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li tinkludi data ċċifrata f'dak li jirrigwarda l-għoli tal-kompartimenti tal-annimali sabiex it-trasportaturi jkunu jistgħu jirreferu għal regoli iktar preċiżi minn dawk stabbiliti mid-Direttiva tal-Kunsill 91/628/KEE, tad-19 ta' Novembru**

**1991, dwar il-protezzjoni tal-annimali waqt it-trasport u li temenda d-Direttivi 90/425/KEE u 91/496/KEE, kif emendata bid-Direttiva tal-Kunsill 95/29/KE, tad-29 ta' Ġunju 1995, tista' tidħol fil-marġini ta' diskrezzjoni mogħtija lill-Istati Membri mill-Artikolu 249 KE, bil-kundizzjoni li din il-leġiżlazzjoni, li tirrispetta l-għan ta' protezzjoni tal-annimali waqt it-trasport imfittex minn din id-direttiva, kif emendata, ma tostakolax, bi ksur tal-prinċipju tal-proporzjonalità, it-twettiq tal-għanijiet ta' eliminazzjoni tal-ostakoli tekniċi għall-kummerċ tal-annimali ħajjin u sabiex l-organizzazzjonijiet tas-suq ikunu jistgħu joperaw bla xkiel li l-imsemmija direttiva, kif emendata, trid tilħaq wkoll. Hija l-qorti tar-rinviju għandha tivverifika jekk l-imsemmija leġiżlazzjoni tirrispettax dawn il-prinċipji.**

2) **Il-Kapitolu VI, punt 47, Titolu D, tal-Anness tad-Direttiva 91/628, kif emendata bid-Direttiva 95/29, għandu jiġi interpretat fis-sens li Stat Membru huwa awtorizzat jistabbilixxi sistema nazzjonali li tgħid li, fil-każ ta' trasport ta' tul ta' iktar minn tmien sigħat, l-erja disponibbli għal kull annimal hija ta' għallinqas 0.50 $m^2$ għall-ħnieżer ta' 100 kg.**

Firem